Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8745 — CD&R/D'Ieteren/Belron)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 444/14)

1. Fid-19 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Clayton, Dubilier & Rice ("CD&R", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— SA D'Ieteren NV ("D'Ieteren", il-Belġju),

— Belron Group S.A. ("Belron", il-Lussemburgu), ikkontrollata minn D'Ieteren.

CD&R u D'Ieteren jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Belron kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CD&R: CD&R hija ditta tal-investiment privata,

— D'Ieteren: D'Ieteren hija involuta, permezz ta-sussidjarji tagħha, fid-disribuzzjoni tal-karozzi, fit-tiswija u l-bdil ta' ħġieġ tal-karozzi, u fil-manifattura ta' prodotti fabbrikati,

— Belron: Belron hija grupp li joffri servizzi ta' tiswija u bdil tal-ħġieġ tal-karozzi, li f'xi pajjiżi jiġġestixxi wkoll talbiet ta' assigurazzjoni tal-ħġieġ tal-karozzi u talbiet oħra ta' assigurazzjoni għal xi assikuraturi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8745 — CD&R/D'Ieteren/Belron

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:

COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks:

+32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË